**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ewaen Fred Ogieriakhi

*Konvenuti:* Minister for Justice and Equality, Ireland, Attorney General, An Post

**Domandi preliminari**

(1) Jista' jingħad li l-konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea li f'dak iż-żmien ma kienx huwa nnifsu ċittadin ta' Stat Membru "[għex] legalment maċ-ċittadin ta' l-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti għal perijodu kontinwu ta' ħames snin" għall-finijiet tal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2004/38/KE ([1]), f'ċirkustanzi fejn il-konjuġi żżewwġu f'Mejju 1999, fejn dritt ta' residenza ngħata f'Ottubru 1999 u fejn, mhux iktar tard mill-bidu tal-2002, il-partijiet kienu qablu li ma jirrisjedux iktar flimkien u fejn il-partijiet bdew joqogħdu ma' msieħba kompletament differenti fl-aħħar tal-2002?

(2) Jekk ir-risposta għad-domanda 1 hija fl-affermattiv u b'kunsiderazzjoni tal-fatt li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz qiegħed jinvoka dritt għal residenza permanenti skont l-Artikolu 16(2) ibbażat fuq ħames snin ta' residenza kontinwa qabel April 2006 għandu jipprova wkoll li r-residenza tiegħu jew tagħha kienet konformi, *inter alia*, mar-rekwiżiti tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68 ([2]), il-fatt li matul dak il-perijodu ta' ħames snin preżunt, iċ-ċittadin tal-Unjoni Ewropea telaq mid-dar tal-familja u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz imbagħad beda jirrisjedi ma' individwu ieħor f'dar tal-familja ġdida li ma ġietx ipprovduta jew imqiegħda għad-dispożizzjoni mill-konjuġi (preċedenti) ċittadin tal-Unjoni Ewropea jfisser li r-rekwiżiti tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament 1612/68 għalhekk ma humiex sodisfatti?

(3) Jekk ir-risposta għad-domanda 1 hija fl-affermattiv u r-risposta għad-domanda 2 hija fin-negattiv, għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' jekk Stat Membru ttrasponiex b'mod żbaljat jew inkella naqas milli japplika korrettament ir-rekwiżiti tal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva tal-2004, il-fatt li l-qorti nazzjonali adita b'rikors għad-danni minħabba fi ksur tad-dritt tal-Unjoni kienet meħtieġa tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari dwar il-kwistjoni sostantiva tad-dritt tar-rikorrent għal residenza permanenti huwa minnu nnifsu fattur li din il-qorti tista' tikkunsidra fid-determinazzjoni ta' jekk kienx hemm ksur ovvju tad-dritt tal-Unjoni?

([1]) Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KKE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal administratif de Pau (Franza) fis-6 ta' Mejju 2013 — Khaled Boudjlida vs Préfet des Pyrénées-Atlantiques

**(Kawża C-249/13)**

(2013/C 189/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal administratif de Pau

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Khaled Boudjlida

*Konvenut:* Préfet des Pyrénées-Atlantiques

**Domandi preliminari**

(1) Liema hija l-portata, għal barrani ċittadin ta' pajjiż terz li jinsab f'sitwazzjoni illegali li ser ikun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn, tal-kontenut tad-dritt għal smigħ iddefinit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea? B'mod partikolari, dan id-dritt jinkludi t-tqegħid f'pożizzjoni li janalizza l-provi kollha miġjuba kontrih f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' soġġorn tiegħu, dak li jesprimi fehmtu, oralment jew bil-miktub, wara żmien ta' riflessjoni suffiċjenti, u dak li jibbenefika minn assistenza ta' konsulent tal-għażla tiegħu?

(2) Jekk ikun hemm bżonn, din il-portata tal-kontenut għandha tiġi aġġustata jew imrażżna fid-dawl tal-għan ta' interess ġenerali tal-politika ta' ritorn espost mid-direttiva (imsemmija iktar 'il fuq) tas-16 ta' Diċembru 2008 ([1])?

(3) Jekk iva, liema aġġustamenti għandhom jiġu aċċettati, u fuq liema kriterji għandhom jiġu ddeterminati?

([1]) Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, p. 98).

## Rikors ippreżentat fis-7 ta' Mejju 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija

**(Kawża C-253/13)**

(2013/C 189/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Heller, O. Beynet, P. Mihaylova)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Bulgarija

**Talbiet**

— tikkonstata li, billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha neċessarji sabiex jiġi traspost l-Artikolu 3(3) u t-tieni paragrafu tal-punt 1(a), kif ukoll il-punti 1(b), (d), (f), (h) u (i), tal-Anness I, tad-Direttiva 2009/73/KE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE jew, f'kull każ, billi ma informatx lill-Kummissjoni bl-adozzjoni ta' tali dispożizzjonijiet, ir-Repubblika tal-Bulgarija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 54(1) tal-imsemmija direttiva;

— skont l-Artikolu 260(3) TFUE, tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija għall-pagament ta' penalità ta' EUR 8 448 kull jum, mid-data tad-deċiżjoni li tingħata f'din il-proċedura, minħabba li naqset mill-obbligu tagħha li tikkomunika lill-Kummissjoni l-miżuri ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/73/KE;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija għall-ispejjeż.

**Dispożittiv**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva skada fit-3 ta' Marzu 2011.

([1]) ĠU L 211, p. 94.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court of Ireland (l-Irlanda) fit-13 ta' Mejju 2013 — Peter Flood vs Health Service Executive**

**(Kawża C-255/13)**

(2013/C 189/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

High Court of Ireland

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Peter Flood

*Konvenuta:* Health Service Executive

**Domandi preliminari**

Persuna assigurata li hija ċittadina ta' Stat Membru ('l-ewwel Stat Membru') u li ilha marida serjament għal dawn l-aħħar ħdax-il sena minħabba kundizzjoni medika serja li mmanifestat ruħha għall-ewwel darba waqt li din il-persuna kienet tirrisjedi fl-ewwel Stat Membru iżda kienet qiegħda vaganza fi Stat Membru ieħor ("it-tieni Stat Membru"), għandha titqies li "tissoġġorna" f'dan it-tieni Stat Membru matul dan il-perijodu għall-finijiet tal-Artikolu 19(1) jew tal-Artikolu 20(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 ([1]), meta hija kienet effettivament imġiegħla tibqa' fiżikament f'dan l-Istat Membru matul dan il-perijodu minħabba l-kundizzjoni medika serja tagħha u minħabba l-vantaġġ li kien hemm kura medika speċjalizzata fil-viċinanzi?

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Sigmaringen (il-Ġermanja) fit-13 ta' Mejju 2013 — Sevda Aykul vs Land Baden-Württemberg**

**(Kawża C-260/13)**

(2013/C 189/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Sigmaringen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Sevda Aykul

*Konvenut:* Land Baden-Württemberg

**Domandi preliminari**

(1) L-obbligu tar-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa minn Stati Membri, li huwa stabbilit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2006/126/KE ([1]), jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li tipprovdi li d-dritt għall-użu tal-liċenzja tas-sewqan barranija fil-Ġermanja għandu jiġi rrevokat *ex post facto* mill-awtoritajiet amministrattivi jekk id-detentur tal-liċenzja tas-sewqan barranija jsuq vettura fil-Ġermanja abbażi ta' din il-liċenzja taħt l-effett ta' drogi illegali u sussegwentement jitqies li ma huwiex kapaċi li jsuq skont id-dispożizzjonijiet Ġermaniżi rilevanti?

(2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, dan ikun ukoll il-każ meta l-Istat emettenti jkollu għarfien tal-fatt li l-persuna inkwistjoni tkun qiegħda ssuq taħt l-effett tad-drogi iżda ma jieħu ebda azzjoni u għalhekk jissokta r-riskju assoċjat mad-detentur tal-liċenzja tas-sewqan barranija?